Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 310/2018

Il-Pulizija

Vs

Robert Vidal

Illum 12 ta' Dicembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Robert Vidal detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 135879M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 21.00 hrs fi Triq Sant' Anna, Floriana waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBO 682:

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru BBO 682 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. U aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru BBO 682 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;
3. Kif ukoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata (a) perikoluza (b) u bla kont;

4. U aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsarat involontarji fuq vettura nru GLN 218 ghad-dannu ta' Glenn Micallef.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti rat l-Art 328 tal-Kap 9, 15 (1) (a) (2), 15A u 15B tal-Kap 65;

Sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza limitatament ghal sewqan traskurat;

Immultatu €1,200 pagabbli fi zmien tliet snin u sitt xhur skwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Robert Vidal**, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Gunju 2018 u dan billi tikkonfermaha fejn illiberatu mis-sewqan perikoluz u bla kont (fit-tielet akkuza), u thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u limitatament tat-tielet akkuza kwantu ghal sewqan traskurat u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Fin-nuqqas tapplika piena aktar miti fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Robert Vidal huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi u dan meta l-Qorti strahet interament fuq iz-zewg affidavits ta' WPS 3 J. Vella u ta' PS 1098 A. Scerri. Huwa indikattiv illi x-xufier tal-vettura GLN 218 certu Glen Micallef allegatament involut fl-incident ma giex prodott bhala xhud.

Lanqas Harry Vidal, li allegatament kien fuq il-post tal-incident ma gie prodott bhala xhud. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' dawn iz-zewg xhieda holqot problema fil-kaz tal-prosekuzzjoni peress illi bin-nuqqas taghhom il-prosekuzzjoni la setghet taghmel il-prova tas-sewqan sabiex jigu indirizzati l-ewwel tliet (3) akkuzi, u lanqas il-prova tad-danni sabiex tigi indirizzata r-raba' (4) akkuza. Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova illi l-appellant Robert Vidal kien tassew qieghed isuq il-vettura BBO 682. Din il-prova kellha ssir kemm minn Glenn Micallef, il-persuna li allegatament issubixxa d-danni, kif ukoll minn Harry Vidal missier l-appellant li mar fuq il-post tal-incident. Il-Prosekuzzjoni kellhom kull opportunità li jipproducu lil Glen Micallef, madankollu wara li pprezenta rikors li ma setax jattendi ghal wahda mis-seduti peress li kellu jkun imsiefer, jidher li ma baqghux jinsistu ghalih u l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-15 ta' Gunju 2018 minghajr ma pproduciet dan ix-xhud. Ir-raguni ghal dan in-nuqqas mhijiex cara. L-unika dikjarazzjoni li dan Glenn Micallef ghamel kienet biss f'pagna 2 tar-rapport tal-Pulizija fejn jghid testwalment hekk: *Kont qieghed fuq it-'traffic lights' ghaliex kienu qed jixeghlu homor. Ta' min jghid li hekk kif kont ilni appena hames sekondi wieqaf smajt hoss u ndunajt li xi hadd kien habat go wara tal-vettura misjuqa minni, ghalhekk jiena hrigt mill-vettura sabiex fl-ewwel lok nara x'kien garalu x-xufier tal-vettura l-ohra izda meta bdejt inkellem lix-xufier huwa deher mifxul u qisu mitluf*. Ta' min jinnota illi dan Glenn Micallef la identifika lix-xufier u lanqas indika jew ikkwantifika d-danni subiti minnu fil-vettura. Aktar minn hekk ma giex prodott sabiex jixhed fil-kawza.

Illi mill-affidavit kemm ta' PS 1098 A. Scerri kif ukoll ta' WPS 3 J. Vella, jirrizulta illi missier l-akkuzat u cioe' Harry Vidal akkompanja lil ibnu gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta sabiex joqghod ghat-test tan-nifs. Il-fatt li missier l-appellant akkompanja lil ibnu fl-Ghassa ma jaghmilx il-prova tas-sewqan. Harry Vidal ma giex prodott bhala xhud sabiex jaghmel din il-prova.

Jigi sottomess ukoll illi lanqas l-affidavit ta' PS 1098 A. Scerri ma jaghmel il-prova tas-sewqan. L-imsemmi surgent mar fuq il-post wara l-incident u biss assuma li l-appellant kien wiehed mix-xufiera. Ma jirrizultax li l-appellant qatt ammetta mieghu li kien hu wiehed mix-xufiera.

X'seta' qal Harry Vidal lill-pulizija u li gie prodott f'pagna 5 tar-rapport esebit ma jaghmilx prova tas-sewqan. Kif intqal Harry Vidal ma giex prodott bhala xhud, u dak li qal lill-pulizija jibqa' biss kliem li qatt ma gie kkonfermat bil-gurament.

Ma jirrizultax illi l-breathalyser test esebit fl-atti gie konfermat bil-gurament minn min hadu jew minn xi ufficjal tal-pulizija, u konsegwentement ma jaghmilx prova kontra l-appellant.

Ghalkemm ma jirrizultax li r-rapport tal-Pulizija esebit jinkrimina lill-appellant fl-aspetti varji tieghu, madankollu jekk hemm x'jinkriminah dan ghandu jigi skartat peress illi ma jirrizultax illi l-appellant kien assistit minn avukat ghal dak li seta' qal lill-Pulizija.

Umilment jigi sottomess li galadarba l-prova tas-sewqan ma saritx, l-appellant ma setax jinstab hati tal-1, it-2 u t-3 akkuza.

Illi jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tinsab konvinta illi l-appellant kien qieghed isuq l-imsemmija vettura u dan a bazi tal-provi akkwiziti u mhux fuq mera suspett, l-appellant ma setax jinstab hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u dan ghas-segwenti ragunijiet:

2. Hadd ma ra s-sewwieq tal-vettura BBO 682 isuq, wisq inqas b'mod traskurat. Meta l-Qorti sabet lill-appellant hati ta' sewqan traskurat, tali sejbien ta' htija kienet bla bazi. Mhux kull min jahbat ma' ta' quddiemu (f'dan il-kaz bumper to bumper) necessarjament ikun qieghed isuq b'mod traskurat. Hafna mill-kazijiet li jahbtu b'dan il-mod mhux talli ma jigux akkuzati b'sewqan traskurat talli addirittura lanqas tkun involuti l-pulizija u jittellghu l-Qorti.

3. Oltre dan, gialadarba Glen Micallef ma giex prodott bhala xhud ma setghetx issir il-prova tad-danni. Mhux biss id-danni ma gewx identifikati peress illi mhux necessarjament min jahbat ma' ta' quddiemu jkun ikkaguna danni, talli lanqas biss gew kwantifikati. Ergo anke minn din l-akkuza, l-appellant kellu jigi liberat.

4. Il-piena erogata kienet eccessiva u mhux indikata fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Rat il-fedina penali tal appellant esebit fl-atti.

Ikkunsidrat.

Rat l-affidavit ta' **WPS 3 J. Vella** prezentat fl-atti a fol. 11 fejn din spjegat illi nhar it-28 ta' Settembru, 2014 ghall-habta tad-9.00p.m il-pulizija tal-ghassa tal- Belt, Valletta gew infurmati li kien hemm argument gewwa Triq San Anna gewwa l-Furjana ezattament quddiem il- kazin tal- Partit Laburista li jinsab fl-istess triq. Ghalhekk hija marret fuq il-post indikat lilha flimkien ma PS 1098 u PC 710 fejn nnotaw li kien habta tat tip '*front to rear*' bejn zewg vetturi bin-numri ta' registrazzjoni BBO 682 tal-marka Maruti 800 u GLN 218 tal-marka citroen Saxo, liema habta ma kellha x'taqsam xejn mal-argument.

Malli l-pulizija marru sabiex ikellmu lix-xufier tl-vetura bin-numru ta' registrazzjoni BBO 682, ix-xufier Robert Vidal beda ihawwad fil-kliem u l-pulizija innutat li dak li beda jghid ma kienx qed jaghmel sens. Peress illi l-pulizija isusspetat li Vidal seta' kien taht l-effett tal-alkohol u ghalhekk Vidal ittiehed l-ghassa tal-puliija tal-Belt sabix jiehu test tan-nifs.

Ta' min jghid li Vidal fil-presenza ta' missieru Henry gie infurmat li l-pulizja kienet qed titolbu iforni test tan-nifs kif ukoll li jekk jirrifjuta ikun meqjus li kkometta reat. Tghid li Vidal min naha tieghu accetta li jaghmel it-test tan-nifs fejn irrizulta li kien ikkonsma alcohol li l-proporzjon fin-nifs kien dak ta 71mg/100ml u cioe' kien ta' livell aktar gholi minn dak preskritt bil-ligi.

PS 1098 A Scerri ikkonferma dak li stqarret ix-xhud precedent WPS 3. Hekk kif wasal fuq il-post ighid li huwa mar personalment fuq ix-xufier Robert Vidal li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta registrazzjoni BBO 682 u meta staqsih jekk kienx kollox sew innota li huwa beda ihawwad fil-kliem u dak li beda jghid ma kienx qed jaghmel sens. Ghalhekk nibitlu suspett li seta kien taht l-effett ta akohol. Jghid li kien hemm xi pulizija li dawn hsieb li ihejju rapport u skizz tal-incident. Ikkonferma li l-appellant gie infurmat li jekk ma jghamilx it-test tan-nifs in nuqqas jammonta ghar-reat u kien ghalhekk li ha it-test u r-rizultat kien wiehed fejn in-nifs tieghu kien ta' 71/100ml.

Rat l-affidavit ta' Stephen Cachia li xehed in rappresentanza ta' Transport Malta u dan stqarr li minn indagini li ghamel mal-Awtorita' jirrizulta li l-vettura bin-numru ta registrazzjoni BBO 682 tal-marka Maruti 800 fit-28 ta Settembru 2014 kient tghajjat lil Robert Vidal. Il-licenzja giet renovata fit-28 ta' Settembru, 2014. Din thallset fit-28 ta' Frar, 2014 u tkopri l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2014 u t-28 ta' Frar, 2015. Rigward il-licenzja tas-sewqan ta' Robert Vidal inharget fit-30 ta' Dicemrbu, 2010 u hija valida sad-29 ta' Dicembru 2020.

Semghet lill-avukat difesnur tal-appellant jirrimetti ruhu ghall-atti proceswali.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant kien akkuzat talli kkometta diversi reati in konnessjoni mal-allegat sewqan tieghu. Irid jigi imfakkar li huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova in sostern tal-akkuzi taghha u l-akkuzat ma ghandu ghalfejn jghamel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu. Dan qed jinghad ghaliex fil-kaz odjern jidher li l-prosekuzzjoni kellha diversi nuqqasijiet u ma resqitx l-provi li kellha iggib in sostenn tal-akkuzi taghha.

Fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat talli saq jew ipprova isur jew kellu kontroll tal-vettura Nru BBO 682 fi Triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u fit-tieni lok talli pprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru BBO 682 fi triq jew post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-awrina kien izjed mill-limitu preskritt.

Illi sabiex din l-Qorti tikkonferma il-htija ta l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward trid l-ewwel tkun sodisfatta li in effetti l-appellant verament kien qed isuq jew kellu kontroll tal-vettura fi triq pubblika. X'kellha taghmel l-prosekuzzjoni biex tipprova tali akkuza? Jew ahjar x'ghamlet l-proskeuzzjoni in sostern ta' dawn iz-zewg akkuzi? Mill-provi akkweziti jirrizulta li l-prosekuzjzoni resqet lil Stephen Cachia jikkonferma li l-vettura Maruti 800 Nru ta' registrazjoni BBO 682 fit-28 ta' Settembru, 2014 kienet rgistrata fuq ismu. Resqet ukoll lil PS 1082 u WPS 3 li kienu qedin l-ghassa tal-pulizija il-Belt, Valletta meta ircevew rapport li fi Triq San Anna, Floriana kien hemm incident awtomobilistiku bejn zewg vetturi tant li iddiskrevewh bhala 'front to rear'. Pero' fl-ebda hin ma dawn iz-zewg pulizija ma raw lill-appellant isuq. L-prosekuzzjoni messha ressqet lis-sewwieq Glenn Micallef li allegatament kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Citroen SAXO Nru ta registrazzjoni GLN 218 fl-istess triq u kien involut fl-incident mal-appellant. Dan qed jinghd ghaliex hemm indikat hekk fl-okkorrenza esebita fl-atti redatta minn PS1098 Scerri. Ghalhekk dan jammonta ghan nuqqas da parte tal-proskeuzjzoni li taf bix-xhieda relevanti ghal-kaz u ma tressaqhomx biex jelaboraw u jikkonfermaw it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Dan ix-xhud kien jikkonfemra li dakinhar fil-hin indikat fil-komparixxi l-appellant kien qed isuq il-vettura BBO 682. Ghalhekk l-prosekuzzjoni pprovat biss li dakinaahr fit-28 ta' Settembru, 2014 l-appellant verament ghall-habta tad.9.00p.m kellu alcohol fin-nifs tieghu aktar minn dak preskritt mill-ligi pero' xejn aktar. Dan ir-reat ma jezistix in a vacuum izda huwa intrinsikament mabut mas-sewqan ta' dak li jkun. Huwa hekk ghaliex l-legislatur ried inaqqas sewwieqa fit-triq li jkunu taht l-influwena tx-xorb waqt li qed isuqu.

Ghalhekk dawn iz-zewg akkuzi ma jistghux jirrizultaw provati bil-provi limitati imresqa mill-prosekuzzjoni.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Maruti 800 Nru ta' registrazzjoni BBO 682 fi Triq San Anna, Florjana l- prosekuzzjoni ma ressqet lil hadd biex jikkonferma li ra lill-appellant isuq wisq inqas b'manjera traskruata kif iddikjarat l-ewwel Qorti. Sabiex tigi provata sewqan traskurat irid

ikun hemm xhud okkulari li jista jitfa' dawl fuq it-tip ta' sewqan ta' dak li jkun haga li ma tirriuzltax mill-atti.

Waqt li ir-raba' akkuza u cioe li l-appellant instab hati talli b'nuuqas ta' hsieb, bi traskuragni b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis lejn tr-regolamenti tat-traffiku ikkaguna hsaarat involontarji fuq il-vettura GLN 218 ghad-dannu ta' Glenn Micallef. Hawnhekk ukoll l-prosekuzzjoni naqset meta ma resqitx lil dan Glenn Micallef jixhed u jispjega kif sehh l-incident jew addirittura x'danni involontarji kellu, jekk kellu u jsipjega ftit kif gew kagunati jekk gew in verita' kagunati.

Fin-nuqqas ta' dawn il-provi li tajjeb ikkumenta dwarhom l-appellant fir-rikors tieghu din il-Qorti thoss li ir-rizultat milhuq mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed *safe u satisfactory* u hu appuntu ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti sejra tindahal fuq id-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lil-appellant mit-tielet akkuza fir-rigward ta' sewqan perikoluz u bla kont qieghda tirrevokaha fir-rigward ta' dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni it-tielet akkuza fir-rigward ta' sewqan traskurat u fir-rigward tar-raba' akkuza u tiddikjara li mhux qed issibu hati taghhom u konsegwentment qed tilliberah minnhom.

Qieghda ukoll tirreovka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tieghu ghal perijodu ta' sitt xhur.

(Ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur